**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 01 ta' Gunju, 2016**

**Citazzjoni Nru: 970/2015 AF**

**Anna Galea gja Camilleri**

**vs**

**Alexander sive Sander Attard**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Anna Galea gja Camilleri li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Permezz ta' ftehim verbali tal-1 ta' April 2008, l-intimat kera l-fond "Edmaure" Apartment 2, Triq l-Assembleja Nazzjonali, Mosta minghand ir-rikorrenti ghal kera mensili ta' erbgha mija u sitta u sittin Ewro (€466) pagabbli kull xahar bil-quddiem.

Fl-1 ta' April, l-intimat c-cwievet u l-pussess tal-appartament u xi gimgha wara li bdiet il-kirja, huwa ghamel pagament ekwivalenti ta' tlett xhur kera u cioè ghall-perjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Gunju 2008.

Kwindi ma sarux il-hlasijiet ta’ kera mill-1 ta’ Lulju 2008 sal-31 ta’ Marzu 2015, u b’hekk l-arretrati tal-kera dovuti jammontaw ghat-total ta’ sebgha u tletin elf, seba’ mija u sittin u erbghin Ewro (€37,746.00).

Il-kirja giet effettivament terminata fl-24 ta’ Marzu 2015 bir-ritorn tac-cwievet minghand certu Carmel Sammut li inghata l-pussess tal-fond minghand l-intimat.

Ir-rikorrenti kienet informata minghand l-intimat li huwa ried jikri l-fond ghall-uzu ta’ dan Carmel Sammut u r-rikorrenti ma kienitx oggezzjonat ghal dan.

Inoltre l-intimat naqas milli jhallas il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma ghall-appartament ghall-perjodu kollu tal-kera, ammontanti ghas-somma ta’ tlett elef mitejn u seba’ u hamsin Ewro seba’ u hamsin centezmu (€3,257.57) – u dana kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat Dokument “A”.

L-appartament gie ritornat lir-rikorrenti fi stat hazin ta’ tiswija u l-intimat kien obbligat skond il-ligi li jirritorna l-fond fi stat tajjeb u jwettaq tiswijiet skond il-ligi, liema danni gew stmati li jiswew elfejn mija u tmienja u sittin Ewro u seba’ u tletin centezmu (€2,168.37) – u dana kif jirrizulta mid-dokumenti hawn anness u mmarkat Dokument “B”.

Ghalkemm debitament interpellat sabiex ihallas dan id-dejn, l-intimat baqa’ inadempjenti.

Din il-kawza qed issir sabiex l-intimat jigi kkundannat ihallas l-arretrati tal-precitata kera li jammontaw ghat-total ta’ seba’ u tletin elf, seba’ mija u sitta u erbghin Ewro (€37,746.00), il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma, msemmija hawn fuq, li jammontaw ghas-somma ta’ tlett elef mitejn u seba’ u hamsin Ewro seba’ u hamsin centezmu (€3,257.57) kif jidher mid-dokument anness immarkat bhala Dokument “A”, kif ukoll it-tiswijiet msemmija hawn fuq, li jammontaw ghal elfejn mija u tmienja u sittin Ewro u seba’ u tletin centezmu (€2,168.37) kif jidher mid-dokument anness immarkat bhala Dokument “B” li flimkien jammontaw ghas-somma ta’ tlieta u erbghin elf mija u

wiehed u sebghin Ewro u erba’ u disghin centezmu (€43,171.94).

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta’ tlieta u erbghin elf mija u wiehed u sebghin Ewro u erba’ u disghin centezmu (€43,171.94) oltre l-imghax legali bl-applikazzjoni tad-disposti tal-artikolu 26A et seq tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta’ Malta kif fuq intqal.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-13 ta’ Lulju 2015 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li hu minn issa ingunt in subizzjoni u b’riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-istanti.

Rat id-dokumenti anness.

Semghet lix-xhud viva voce.

Rat li, minkejja li gie debitament notifikat, l-intimat baqa’ ma ressaq ebda twegiba ghall-kawza. Lanqas ma ressaq sottomissjonijiet finali minkejja li gie ghalhekk awtorizzat permezz tal-verbal tas-seduta tal-20 ta’ April 2016.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza Anna Galea qed titlob lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas kera u spejjez dovuti ghar-rigward ta’ fond mikri lill-intimat mill-1 ta’ Gunju 2008 sal-31 ta’ Marzu 2015 u li fuqu thallset biss kera sat-30 ta’ Gunju 2008. Tenut kont illi l-kontumacja m’hija qatt meqjusa bhala ammissjoni tat-talba, din il-Qorti hi tal-fehma li, bix-xhieda taghha u dokumenti esibiti, ir-rikorrenti rnexxielha tipprova t-talba taghha sal-grad rikjest mill-ligi taghha.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi fil-kontumacja tal-intimat, tilqa’ t-talba kif dedotta, bl-ispejjez kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Alexander sive Sander Attard.

IMHALLEF

DEP/REG